**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Mario Vella)**

**vs**

**Kevin Agius**
**Rita Agius**

**Illum 13 ta' Ottubru 2022**

**Kumpilazzjoni 708/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Kevin Agius,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0352184(M) u **Rita Agius**, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0134658(M), billi huma akkużati talli:

1. Nhar il-11 ta' Lulju 2019, fi Triq Walter L. Salomone, Mosta u f'dawn il-Gzejjer, ikkagunaw feriti ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikati mit-

tabib Dr. Nicola Mallia MD (Med. Reg. 5991) fuq il-persuna ta' Maria Agius, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0078090M).

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Maria Agius u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Maria Agius ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a. fol. 2*) datata 21 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi, waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2020 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Dicemnru 2021, id-Difiza infurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza.

Semgħet id-deposizzjoni tal-imputati li minn jeddhom u b'mod volontarju ħadu l-pedana tax-xhieda.

Rat illi, waqt is-seduta tal-14 ta' Dicembru 2021, il-Qorti semgħet sottomissjonijiet mill-Parte Civile u mid-difiza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-erbatax (14) ta' Diċembru 2021 u tas-seduti sussegwenti fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

- **<u>Rijassunt tax-Xhieda</u>**

F'dan il-process xehdu tmien (8) xhieda kif gej: **Maria Agius** (*a fol* 29 et. seq.) u (*a fol* 85 et. seq.); **Spettur Paula Ciantar** (*a fol* 35 et. seq.); **Dr. Nicola Mallia** (*a fol* 49 et. seq.); **Dr. Victor Cassar** (*a fol* 51 et. seq.); **Jean Pierre Frendo** (*a fol* 53 et. seq.) u (*a fol* 74 et. seq.); **PS 1350 Christian Xuereb** (*a fol* 59 et. seq.); **Kevin Agius** (*a fol* 88 et. seq.); u **Rita Agius** (*a fol* 95 et. seq.).

**<u>Il-parte Ċivile Maria Agius</u>** (Fol. 29 *et seq*) xehdet li fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00p.m.) waqt li l-eks raġel tagħha ossia l-imputat Kevin Agius kien qrib ir-residenza tagħha bl-indirizz 'Mon Amor', Triq Walter L Salamone, Mosta, Malta huwa bagħtilha li kien wasal sabiex jieħu lil ibnu għall-access. Hija bagħtitlu lura tgħidlu jagħtiha ċans għax daqt kien se tasal peress li kienet barra. X'ħin waslet hija tatu lit-tifel u qaltlu biex jagħtiha cans tmur iġġib il-basket bl-affarijiet tat-tifel.

Tistqarr li wara li telgħet id-dar biex proprju ġġib il-basket semgħet ħafna għajjat u storbju wara l-bieb tar-residenza tagħha u niżlet sabiex tagħtih il-basket. Fil-pront l-imputat Kevin Agius qabad lill-parte ċivile minn idejha u flimkien ma' ommu, ossija l-imputata l-oħra Rita Agius, bdew isabbtulha żaqqha mal-bieba tal-karozza. Dak iż-żmien hija kellha tlett (3) xhur tqala.

Tkompli tispjega li dak il-ħin reġgħet telgħet id-dar għax l-imputat beda jgħajjat minn barra "irbaħtlek, irbaħtlek it-tifel!", u fl-istess ħin talabha l-passaport, il-ħwejjeġ tat-tifel, it-*tablet* u kollox. Dak il-ħin hija ċemplet lill-avukat u nfurmaha biex ma tagħtih xejn għax il-minuri kien temporanjament ma' missieru. Imbagħad hija niżlet tgħid lit-tifel li tħobbu u x'ħin appena qaltlu "inħobbok", l-imputat Kevin Agius qabad l-*isteering* u waħda minn idejha u waqt li żamm il-bieba, saq bil-parte ċivile. Hija mbagħad inħallet, jiġifieri laħaq saq, u bdiet tibki u kellha

rogħda kbira. Fil-frattemp, il-partner tagħha sakemm kien qed jiġri dan kollu ċempel lill-pulizija u l-ambulanza. Tgħid li x'ħin ġiet l-ambulanza qalulha biex tikkalma għax ċans kbir li titlef it-tarbija. Tistqarr li damet erbat ijiem l-isptar.

**<u>In kontro-ezami</u>**, (Fol. 31 *et seq*) miżmum fl-istess seduta, meta mistoqsija jekk din il-verżjoni li tat lill-Qorti, kinitx anke spjeġatha u qalitha lill-Pulizija, il-Parte Ċivile twieġeb li kien qalitha lill-erba' pulizija li kienu marru fejna l-isptar, għalkemm dak inhar kienet mifxula peress li ma kinitx taf jekk hux ser issalva t-tarbija jew le. Tgħid li fil-ġurnata tal-inċident, l-partner tagħha, t-tifel tagħha u hi, waslu eżatt fl-erbgħa ta' wara nofsinhar bil-vettura u li l-partner tagħha mar jiġri ġewwa d-dar. Mistoqsija għaliex daħal jiġri d-dar, hija twieġeb li l-partner tagħha Jean Pierre Frendo ma setax ikun preżenti waqt it-tibdil tal-aċċess tal-minuri. Ittenni li l-partner tagħha telaq jiġri lejn id-dar, għax kienu pparkjaw fejn id-dar tagħha u l-imputat Kevin Agius kien taħt it-tieqa tagħha.

Mistoqsija fejn kien mar it-tifel dak il-ħin, il-parte ċivile tistqarr li hija qabdet lit-tifel, neħħietlu s-*seat belt* u tatu lill-imputat Kevin Agius li da parti tiegħu xeħtu kif ġie ġie fuq is-*seat* ta' wara. Fuq mistoqsija dwar fejn kienu l-imputati, il-parte ċivile tgħid li l-imputati ħarġu mill-ewwel barra t-tnejn li huma u li rathom barra. Tgħid li l-ewwel li ħareġ kien l-imputat Kevin Agius, imbagħad ħarġet ommu, pero' ma daħlux fil-karozza u baqgħu fejn it-taraġ. Mistoqsija dwar kemm kienet ipparkjata 'l bogħod

il-vettura tal-imputati, tikkonferma li din kienet ipparkjata eżatt wara l-bieb tar-residenza tagħha.  Mistoqsija jekk marritx fejn il-vettura tal-imputati, tistqarr li marret biex tagħti il-basket u t-*tablet* lill-imputat Kevin Agius, għax kien talabhomla, u dan bħalma kienet tagħtihomlu s-soltu.

**<u>In ri-ezami</u>**, l-parte ċivile għarfet u indikat liż-żewġ imputati

**<u>In kontro-ezami</u>**, (Fol. 85 *et seq*) li sarilha fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), mistoqsija rigward xi *CCTV footage* li tgħid li kellha, il-parte ċivile Maria Agius tgħid li kellha filmat fuq il-*mobile* u peress li kienet bidlitu intilef.  Issemmi li kienet tat il-*pendrive* lill-avukata pero' din il-*pendrive* baqgħet ma nstabitx. Mistoqsija jekk lill-pulizija kinitx uriethom dan il-filmat, tgħid li ma kinitx laħqet urithielhom il-filmat.  Mistoqsija x'kienet ir-raġuni, il-parte ċivile tkompli tgħid li meta ċemplu lill-pulizija, dawn qalulhom biex jinżlu l-għassa għall-filmat, iżda hi kienet l-isptar u b'hekk ma laħqux. Tikkonferma li l-filmat kien spiċċa fuq il-mobile u li kienet issejvjatu u imbagħad tefgħatu fuq il-*pendrive.*  Mistoqsija allura jekk kellhiex ċans tagħtih lill-pulizija, tgħid li iva, iżda meta ħarget mill-isptar ma setgħetx toħroġ għax il-professur tagħha kienet qaltilha biex tibqa' d-dar tistrieħ, u għalhekk ma segħetx tinżel.  Fuq mistoqsija dwar jekk ħassitx il-ħtieġa li tmur bih jew inkella tinforma lill-uffiċjali tal-pulizija dwar il-fatt li kellhom *camera* fir-residenza tagħhom, il-parte ċivile tgħid li b'dan il-*video* kienet infurmat lill-ispettur li kien mar l-isptar, u kif ukoll li kienu ċemplu lill-pulizija li qalulhom biex imorru bih, pero' peress li kienet l-isptar u t-

tabiba qaltilha biex tibqa' tistrieħ anke wara li tmur id-dar, hija ma marritx bih għand il-pulizija, iżda kienet għaddietu lill-avukata f'*pendrive*.

**<u>L-Ispettur Paula Ciantar</u>** (Fol. 35 *et seq*) xehdet li kienet ġiet infurmata bir-rapport datat ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), bin-numru 9T1900/2019 li kien ġie mħejji minn PC 387 pero' imbagħad mgħoddi lil PS 1350 Christian Xuereb. Tgħid li l-inċident kien jinvolvi koppja li kienet miżżewwġa pero' mhux aktar flimkien, u kif ukoll omm ir-raġel. Eventwalment ħadet *handover* mis-surġent minħabba li ma kinux jafu x'kien l-istat tal-parte ċivile u li kienet anke ħarġet iċ-*charges*.

Min-naħa tagħha kkonfermat il-kopja tar-rapport li jinsab a folio 8 tal-proċess. Ippreżentat ukoll dikjarazzjonijiet tar-rifjut tal-avukat li kienet ittieħdet mingħand l-imputati Kevin Agius u Rita Agius. Ippreżentat ukoll l-ewwel ċertifikat mediku li jirrigwardja lill-parte ċivile Maria Agius, liema ċertifikat inħareġ mit-tabiba Nicola Mallia, u kif ukoll *patient certification form* rigwardanti l-parte ċivile maħruġ mit-tabib Victor Cassar u finalment kopja ta' rikors u diġriet relatat mal-aċċess tal-minuri. L-ispettur ikkonfermat iċ-*charge* bil-ġurament tagħha.

**<u>It-tabiba Nicola Mallia</u>** (Fol. 49 *et seq*) ġiet murija d-dokument li jinsab a folio 40 u kkonfermat il-kitba tagħha. Spjegat li l-parte ċivile Maria Agius kienet pazjenta li kienet rat ġewwa l-emerġenza u rriżultalha *"tenderness of the right wrist, no swelling or deformity at either wrist and multiple bruises at the proximal aspect of both arms."* Tgħid li kklassifikat dawn il-ġrieħi

bħala *slight injuries.* Mistoqsija dawk it-tip ta' ġrieħi ma xiex huma kompatibbli, it-tabiba ma setgħetx tikkumenta peress li m'hijex esperta tal-Qorti.

**It-tabib Victor Cassar** (Fol. 51 *et seq*) ġie muri d-dokument li jinsab a folio 41 u filwaqt li għaraf id-dokumenti kkonferma li kitbu hu. Stqarr li kien ra lill-parte ċivile min-naħa tat-tarbija u ra qalbha wkoll, u dan peress li kienet tqila. Jgħid li rigward it-tqala ma kienx hemm issues relatati mal-każ.

**Jean Pierre Frendo** (Fol. 53 *et seq*) xehed li fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) għall-ħabta tal-erbgħa jew l-erbgħa u ħamsa, kien għamel rapport mal-Pulizija. Jgħid li l-każ ġara quddiem il-fond 'Mon Amour' fi Triq Walter L Salamone, il-Mosta, Malta. Dak inhar kien qiegħed mal-partner tiegħu, l-parte ċivile Maria Agius u magħhom kien hemm it-tifel ta' Maria Agius u tal-imputat Kevin Agius. Kienu jafu li l-aċċess ta' bejniethom kien fl-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.).

Jgħid li dakinhar mar jagħmel xagħru, pero' kien qal lill-parte ċivile jmorru għax kien wasal il-ħin tal-aċċess. Waslu d-dar, forsi xi żewġ minuti tard wara l-erbgħa, għalkemm ċert li s-soltu l-parte ċivile dejjem tagħti t-tifel lill-imputat xi għoxrin minuta qabel. Kif waslu, niżel mill-karozza u sabiex ma jkunx preżenti fl-aċċess tela' hu l-ewwel. Jgħid li tela' fil-kċina li tinsab fuq ġewwa nett u kif kien hemm ġewwa sema'

argument jaħraq liema argument żbroffa mill-ewwel u dehrlu li sema leħen il-parte ċivile. Sakemm ħareġ, ittawwal mit-tieqa u ra lill-parte ċivile Maria Agius f'argument magħhom, inkluż mal-imputata Rita Agius. Jistqarr li ra lill-parte ċivile Maria Agius imsabbta mal-karozza ħamra. Għalaq it-tieqa u ċempel lil *112*, fejn dawn qalulu biex iċempel l-għassa. Reġa' ċempel l-ambulanza u din ġiet wara tlett minuti u marru l-isptar.

Ikompli jgħid li l-ewwel kliem li qalet l-infermiera kien biex Maria tikkalma għax titlef it-tarbija. Jgħid li ftit qabel ġiet l-ambulanza laqa' lill-parte ċivile Maria Agius fit-taraġ tiela' li min-naħa tagħha bdiet tibki, tgħajjat, twerżaq u qaltlu li kaxkruha bil-karozza u sabbtuha magħha xi darbtejn. Jgħid li l-imputat Kevin Agius kien imur jiġbor lit-tifel mir-residenza tal-Mosta, li kienu jgħixu fiha x-xhud, il-parte ċivile u l-minuri. Ix-xhud għaraf ukoll lill-imputati preżenti fl-awla.

**<u>In kontro-eżami Jean Pierre Frendo</u>** (Fol. 74 *et seq*) meta mistoqsi fejn kien dak nhar tal-inċident, iwieġeb li x'ħin waslu tela' 'il fuq. Jgħid li kien ra u għaraf il-karozza tal-imputat Kevin Agius quddiemu, pero' lill-imputati ma rahomx. Jgħid li pparkja fid-*drive-in* u tela' jiġri 'l fuq. Fuq mistoqsija dwar fejn kien it-tifel, u fejn ħalla lill-parte ċivile, jistqarr li dan kien magħhom fil-karozza, u lill-parte ċivile Maria Agius ħallieha fil-karozza biex din tirranġa mal-imputat Kevin Agius bħal ma tagħmel is-soltu. Jistqarr li l-parte ċivile Maria Agius ma ħarġitx mill-ewwel mill-

karozza. Mistoqsija jekk ipparkjax ‘il bogħod mid-dar tiegħu, jgħid li pparja fid-*drive-in*. Dwar x'kien jiġri s-soltu, ix-xhud jgħid li l-imputat Kevin Agius kien imur għat-tifel xi għoxrin minuta qabel, u l-parte ċivile Maria Agius tinżel biex tagħtih lit-tifel u qatt ma' ġara xejn.

Mistoqsi dwar min beda jgħajjat, jgħid li waqt li kien fuq, fil-kċina, sema' għajjat u tgerfix ta' kliem u dan peress li hu kien għalaq il-bieb. Jixhed ukoll li ħin minnhom il-parte ċivile Maria Agius telgħet fuq tibki u bir-rogħda u qaltlu li l-imputat Kevin Agius kien ser jieħu lit-tifel u li ma kellux karta, filwaqt li hu qalilha li jimmaġina li suppost kellu karta. Jistqarr li mbagħad il-parte ċivile Maria Agius ċemplet lill-avukat tagħha. Mistoqsi hu x'għamel, jistqarr li hu baqa' jipprova jikkalmaha u jkompli jgħid li ma niżilx isfel biex joqgħod pass lura, għax dejjem joqgħod pass lura, ħalli ma jiġix inkriminat, peress li dak inhar tal-inċident kellu kawża kriminali fil-konfront tiegħu ma' terzi persuni oħra. Mistoqsi jekk baqax iħares mit-tieqa, jistqarr li dak li għamel kien li bexxaq it-tieqa waqt li kien fuq il-linja mal-pulizija u anke mal-ambulanza. Dak li ra bi *glimpse* waqt li bexxaq it-tieqa kien lill-parte ċivile Maria Agius fuq in-naħa ta' wara, in-naħa ta' ġewwa tal-karozza tal-imputat Kevin Agius, u jaf li kien hemm ukoll l-istess imputat.

Jistqarr ukoll li l-*midwife* tal-ambulanza qalet lill-parte ċivile Maria Agius biex tikkalma għax ser titlef it-tarbija. Mistoqsi kif kienet il-parte ċivile Maria Agius, jgħid li din ma kinitx irrabjata, pero' kienet tibki. Meta reġa

ġie mistoqsi x'ra x'ħin fetaħ it-tieqa, jgħid li *"it was a glimpse"*. Dwar jekk niżilx fejn il-parte ċivile, ladarba kien beżgħan li kienu qed isawtuha u jsabbtuwha mal-karozza, itenni li għalkemm ra lill-parte ċivile Maria Agius li kellha tarbija fil-ġuf tagħha, tiġi msabbta mal-karozza, hu xorta waħda ma ħassx il-ħtieġa li jinżel, u fil-fatt ma niżilx. Mistoqsi xi bdiet tgħid Maria Agius dak il-ħin, jistqarr li għalkemm sema' ħafna tgeġwiġ ta' kliem ma fehem xejn minn dak li ntqal, pero' jaf li sema' leħen ta' raġel. Dwar min kien preżenti fuq il-post, jgħid li kien hemm il-parte ċivile Maria Agius, it-tifel u hu. Jistqarr li għalkemm kellu xi filmat pero' dan intilef u la għandu kopja tiegħu u lanqas għadda kopja tiegħu lill-pulizija, madanakollu jgħid li għajjat biss kien hemm fih.

**<u>In ri-eżami Jean Pierre Frendo</u>** (Fol. 79 *et seq*) meta ġie mistoqsi għaliex ħass il-ħtieġa li jċempel lil pulizija tar-*Rapid Intervention Unit,* jgħid li għamel hekk għax kien hemm l-għajjat u twerżiq u li setgħet saret ġlieda vjolenti anke peress li l-imputati kienu tnejn u l-parte ċivile kienet waħedha. Pero' x'ħin ċempel 112, il-*control room* tad-*Depot* qalulu biex iċempel lill-pulizija tal-Mosta. Barra minn hekk ċempel ukoll lill-ambulanza. Jgħid li ta' biss *glimpse* mit-tieqa peress li kien qiegħed fuq il-linja mal-*R.I.U.* u mal-ambulanza.

Fuq domanda għaliex ħass il-ħtieġa li jċempel l-ambulanza, jwieġeb li ċempel peress li l-parte ċivile Maria Agius kienet imriegħda, u kienu t-tnejn li huma ppanikkjati u hi kienet qed iġġorr tarbija. Jgħid li l-parte

ċivile qaltlu li kienet ippanikjata u qed tibża għall-fatt li l-imputat Kevin Agius kien ħa lit-tifel. Jistqarr li apparti mill-fatt li kienet totalment ippanikjata, l-unika kliem li qaltlu l-parte ċivile Maria Agius x'ħin telgħet fuq kienu *"żammli idejja bil-karozza u saq bija biċċa"*. Jgħid li dakinhar tal-inċident kellha tlett xhur tqala. Mistoqsi għaliex ma kienx niżel isfel, itenni li ma niżilx għax ma riedx jidħol fix-xena u kien għalhekk li ċempel lill-pulizija biex jieħdu ħsieb huma.

**<u>PS 1350 Christian Xuereb</u>** (Fol. 59 *et seq*) filwaqt li kkonferma r-rapport, xehed li nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) għall-ħabta tal-erbgħa u għaxra kien daħal jirraporta ġewwa l-għassa l-imputat Kevin Agius fejn stqarr li hu kellu l-aċċess tat-tifel tiegħu fejn mar għalih fejn toqgħod il-parte ċivile Maria Agius u avżaha li t-tifel se jibda joqgħod miegħu u talabha l-ħwejjeġ tat-tifel. L-imputat kompla jistqarr li l-imputata Rita Agius bdiet tixxenja mal-karozza u tiftaħ il-bieba u ssabbat fuq il-karozza u tipprova tieħu t-tifel minn ġol-karozza. Jgħid li kien ċempel ukoll l-għassa Jean Pierre Frendo fejn kien talab l-assistenza huwa wkoll. Is-surġent mbagħad kien mar fuq il-post u kiteb kelma b'kelma x'qalulu u x'ġara u ma ġarax, u nforma lill-ispettur. X'ħin mar fuq il-post kien diġa għadda l-każ. Ix-xhud ikkonferma d-dokumenti mmarkati bħala 'PC2' sa 'PC' li jinsabu minn folio 38 ta' 45, li huma d-dritt tal-avukat li ngħataw l-imputati Kevin Agius u Rita Agius, ċertifikat maħruġ mit-tabiba Nicola Mallia u ċertifikat ta' Mater Dei maħruġ mit-tabib Victor Cassar, it-tnejn fil-konfront tal-parte ċivile Maria Agius. Ikkonferma

wkoll id-digriet li jinsab minn folio 42 sa 45, mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

**In kontro-ezami**, mistoqsi jekk kinitx il-parte ċivile Maria Agius li bdiet issabbat il-bieba u mhux l-imputata Rita Agius, is-surġent jgħid li Jean Pierre Frendo kien qallu li Rita Agius bdiet tixxenja mal-karozza u tiftaħ il-bieba u ssabbat fuq il-karozza u tipprova tieħu t-tifel minn ġol-karozza. Ix-xhud għaraf u indika lill-imputati preżenti fl-awla.

**L-Imputat Kevin Agius** (Fol. 88 *et seq*) xehed fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn spjega li kien miżżewweġ lill-parte ċivile Maria Agius, pero l-affarjiet ma kinux sejrin sew u kienet ħarget tqila minn raġel ieħor. Hija kienet telqet mid-dar u ħadet lit-tifel magħha. Jgħid li għamel tlett xhur ma jarax lit-tifel, imbagħad wara li kellem avukat u talab lill-Qorti tal-Familja ġie awtorizzat li jista' jara lit-tifel. Jistqarr li t-tifel kien qallu li kien jissawwat u li kienu daħħlulu l-furketta wara rkoptu. Jgħid ukoll li lit-tifel kien ralu xi ħruq u widnejh darba minnhom kienet minfuħa għax qala' daqqa ta' ponn mis-sieħeb ta' ommu.

Ikompli jgħid li meta seħħ l-inċident l-imputat kien ma' ommu Rita Agius, imputata wkoll f'dawn il-proceduri. Hu flimkien ma' ommu mar ir-residenza tal-parte civile Maria Agius biex jiġbor lit-tifel. Huwa ipparkja bħas-soltu xi tlett bibien 'l isfel mid-dar fejn kienet toqgħod il-parte ċivile

Maria Agius flimkien mal-partner tagħha Jean Pierre Frendo. L-imputat spjega li huwa bagħtilha messaġġ li kien wasal u qaltlu "ġejjin għax qegħdin barra". Dawn waslu ftit tal-ħin wara. Il-partner tal-parte ċivile daħal id-dar u l-parte ċivile telgħet biex ġabitlu l-basket u bagħtet lit-tifel fejn il-karozza bħas-soltu. It-tifel rikeb fil-karozza. Itenni li t-tifel ġie waħdu fejn il-karozza, fetaħlu l-bieba u rikeb. Qabel dak inhar kien mar ħafna drabi biex jiġbor it-tifel, u kien jibgħat messaġġ lill-parte ċivile, toħroġ, jasal, jipparkja xi żewġ jew tlett bibien 'l isfel, jibgħatilha, toħroġ lit-tifel u dan jimxi waħdu sal-karozza.

Jistqarr li dak inhar, sakemm it-tifel rikeb qalilha li kien ħareġ digriet li t-tifel jgħix miegħu, u sabiex tagħtih ħwejġu, peress li hu kien taha l-ħwejjeġ kollha tat-tifel. X'ħin qalilha hekk il-parte ċivile kienet fuq it-taraġ tar-residenza tagħha u d-distanza bejn il-karozza li kien biha għall-bieb tar-residenza kien hemm bejn wieħed u ieħor tlett idjar.

Ikompli jixhed li x'ħin semmielha d-digriet biex it-tifel jibda jgħix magħha, qaltlu li ma taf xejn u li kienet ser iċċempel lill-avukat. Jgħid li daħlet tiġri 'l ġewwa, ċemplet lill-avukata u qaltlu li ma taf xejn, u ħin minnhom ħadet rankatura, daret mal-karozza man-naħa tal-passiġġier minn wara biex tipprova tidħol fil-karozza, u l-imputat Kevin Agius, qal lill-ommu tidħol u ssakkar il-bieba, u din hekk għamlet. Jistqarr li dak il-ħin meta l-parte ċivili marret tiġri, hu kien fejn il-bieba tiegħu. Hekk kif il-parte ċivile rat hekk, daret għall-wara, għall-bieba ta' wara tiegħu fejn

kien hemm it-tifel, pruvat tiftaħa, sakkrilha l-bieba u kien dieħel fil-karozza, iżda kif kien dieħel fil-karozza, il-parte ċivile tefgħet idejha u pruvat tidħol minn ġol-bieba tiegħu. Ikompli jgħid li qalilha għal darba, darbtejn, tlieta sabiex tneħħi jdejjha għax inkella kien se jmur l-għassa. Filwaqt li baqgħet tipprova tidħol, neħħielha idejha minn mal-bieba, għollihielha, daħal u sakkar il-bieba u saq bil-mod, u mill-mera raha sejra tiġri 'l ġewwa.

Jistqarr li mhux minnu u mhux vera li kien qabad lill-parte ċivile minn idejha u beda jsabbatha flimkien ma' ommu, mal-karozza, u jsostni li qatt ma sawwatha. Barra minn hekk jgħid li l-partner tal-parte ċivile Jean Pierre Frendo ma kienx il-ħin kollu hemm hekk, pero' ħin minnhom ħareġ u reġa daħal. Imbagħad mar jagħmel rapport l-għassa.

**In kontro-ezami**, mistoqsi meta seħħ l-inċident, l-imputat Kevin Agius jikkonferma li dan ġara fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Mistoqsi dwar il-fatt li fir-rapport hemm miktub li l-parte ċivile Maria Agius ġarrbet ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat mit-tabiba u li fir-rapport hemm miktub li l-parte ċivile pruvat iddaħħal idha ġewwa l-karozza u hu baqa' jsuq *gas down,* jgħid li l-parte ċivile ma setgħetx iddaħħal idejha ġewwa l-karozza għax il-bibien u t-twieqi kienu magħluqin. Mistoqsi jekk għamilx kollox bil-mod, jikkonferma, u jgħid li għajjat ftit biex il-parte ċivile tagħtih il-ħwejjeġ. Itenni li fl-ebda ħin ma sabbatha mal-karozza u m'għandux idea ill-ġrieħi li sofriet minn fejn ġew.

Mistoqsi dwar x'għamel meta l-parte ċivile pruvat tidħol minn qddiem, jistqarr li meta l-parte ċivile Maria Agius pruvat tidħol mill-bieba ta' quddiem, qalilha darba, tnejn, tlieta, "neħħi idejk, ħa ninżel l-għassa tal-pulizija", iżda baqgħet tipprova, qabdilha idha bil-mod u neħħielha, daħal u sakkar il-bieba, għax it-twieqi kienu magħluqin. Jerġa jgħid li hu m'għajjatx żgur, kull ma għajjat biex tagħtih il-ħwejjġ għax kienet 'il bogħod. Isostni wkoll li hu qatt ma sabbatha mal-karozza.

**L-Imputata Rita Agius** (Fol. 95 *et seq*) xehdet fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn stqarret li hija tiġi omm l-imputat Kevin Agius. Tgħid li dak inhar tal-inċident, fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kienet qegħda fil-karozza mat-tifel tagħha u marru biex jiġbru lit-tifel tal-imputat Kevin Agius. X'ħin waslu l-imputat ċempel lill-parte ċivile biex javżaha li kienu waslu u din qaltlu li ma kinitx qegħda d-dar imma dalwaqt kienet ġejja, u ftit tal-ħin wara waslet.

Jgħid li l-parte ċivile kienet ma' Jean Pierre Frendo u mat-tifel, u wara l-parte ċivile niżżlet lit-tifel, dan mar jiġri lejhom, u l-parte ċivile tat il-basket lill-imputat Kevin Agius u qaltlu għandux xi panty għax kienet tagħtih xi panty miegħu. Min-naħa tiegħu qalilha "issa l-ħwejjeġ kollha trid ittini", "għax it-tifel ġej magħna". Tkompli tistqarr li l-parte ċivile weġbitu billi qaltlu "Le, ma rrid intik xejn!" u bdiet tgħajjat fit-triq u qaltlu

"ma rrid intik xejn, ma rrid intik xejn." Xehdet ukoll li mbagħad l-imputat Kevin Agius qalilha "trid ittihomli għax il-ħwejjeġ tat-tifel kollha ħadtuhom", imbagħda l-parte ċivile qaltlu "ħa nċempel lill-avukata", u daħlet biex iċċempel iżda ma qabditx u xorta ma tathomlux.

Tixhed ukoll li mbagħad il-parte ċivile bdiet iddur mal-karozza, qisha lanqas ridithom jitilqu, u anke bdiet issabbat naqra wkoll mal-karozza. Imbagħad bdiet tiddendel 'l hemm u 'l hawn u ma ridithomx jitilqu. Tgħid li mhux vera li qabduha minn idejha u bdew isabbtuha mal-karozza.

**<u>In kontro-ezami</u>**, fuq mistoqsija u b'referenza għal dak li kienet xehdet u ċioe' li l-parte ċivile pruvatx iddaħħal idejha u tipprova tidħol fil-karozza, l-imputata Rita Agius tgħid li l-parte ċivile bdiet iddaħħal idejha u tipprova tidħol fil-karozza għax ma ridithomx jitilqu. Tiċħad li waqt li kienu qed jagħmlu dan, iddeċidew li jibqgħu jsuqu, anżi tgħid li qabel l-imputat Kevin Agius neħħielha jdejha huwa ma saqx. Mistoqsija jekk messitx lill-parte ċivile, l-imputata Rita Agius tgħid li lill-parte ċivile fl-ebda ħin ma messitha, għalkemm tistqarr li lill-imputat Kevin Agius qaltlu kemm –il darba biex jipprova jneħħilha jdejha biex jitilqu minn hemm. Mistoqsija kif u x'għamel Kevin, tkompli tgħid li l-imputat prova jneħħi id l-parte ċivile bil-mod, iżda din bdiet tiddendel u bdiet iżżomm għax ma ridithomx jitilqu. Imbagħad l-imputat Kevin Agius neħħilha jdejha u telqu. Itenni li l-parte ċivile bdiet tħabbat b'idejha mal-karozza,

iżda hi ma għamlet xejn. Tgħid li kien fil-bidu biss li ħarġet mill-karozza biex tilqa' lit-tifel, imbagħad daħlet, u mbagħad x'ħin il-parte ċivile ġiet iddur mal-karozza, l-imputat Kevin Agius beda jgħidilha "għalaq ma', għalaq!" u hi għalqet, għax peress li kien hemm il-partner tal-parte ċivile beżgħet li jiġu fl-idejn.

- **<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Il-fatti ta' dan il-każ jistgħu jinġabru fil-qosor fis-segwenti:

Nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00p.m.), il-parte ċivile, irċviet messaġġ mill-imputat fejn qalilha li kien wasal quddiem ir-residenza tagħha bl-indirizz 'Mon Amor', Triq Walter L Salamone, Mosta, Malta biex jiġbor lit-tifel, peress li kien il-ħin tal-aċċess. Hija qaltlu li kienet ġejja u fil-fatt ftit tal-minuti wara waslet id-dar bil-karozza flimkien mal-partner tagħha u mat-tifel. Il-parte civile tistqarr li x'ħin marret biex tagħtih il-basket biex jieħdu miegħu kif tagħmel is-soltu, l-imputat Kevin Agius qabadha minn idejha u flimkien ma' ommu, ossija l-imputata l-oħra Rita Agius, sabbtulha żaqqha mal-bieba tal-karozza. Dak iż-żmien kellha tlett (3) xhur tqala. F'ħin minnhom l-imputat Kevin Agius qabad l-*isteering* u waħda minn idejha u waqt li żamm il-bieba, saq bil-parte ċivile. Hija mbagħad inħallet, u l-imputat saq. Ftit wara waslu l-pulizija u l-

ambulanza fuq il-post wara li kienu ġew avżati b'telefonata mill-partner tal-parte ċivile.

Min-naħa tagħhom l-imputati jiċħdu din il-verzjoni tal-fatti. Jinsistu li huma fl-ebda ħin ma sawwtuha jew sabbtuha mal-karozza. Jgħidu li kienet il-parte ċivile li ppruvat iddaħħal idejha biex tidħol fil-karozza għax ma riedithomx jitilqu. Dan wara li Kevin Agius kien qalilha li kien ħareġ digriet tal-Qorti li awtorizzah izomm lit-tifel hu. L-imputat Kevin Agius qalilha għal darba, darbtejn, tlieta sabiex tneħħi jdejjha għax inkella kien se jmur l-għassa. Filwaqt li baqgħet tipprova tidħol fil-vettura, neħħielha idejha minn mal-bieba, għollihielha, daħal u sakkar il-bieba u saq bil-mod. L-imputata Rita Agius tikkonferma din il-verzjoni u tgħid li lill-parte ċivile fl-ebda ħin ma messitha.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali</u>**

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija għalhekk rinfaccjata b'zewġ verzjonijiet ta' dak li seħħ. Min-naħa hemm il-verżjoni tal-parte civile Maria Agius u min-naħa l-oħra hemm il-verzjoni tal-imputati. Il-fatt li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not*

*necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaccetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-*

*Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Dak li trid tagħmel għalhekk din il-Qorti huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija. Sabiex għamlet dan l-ezercizzju, din il-Qorti fliet metikolozament l-atti, għarblet dak li intqal mid-diversi xhieda u qieset il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana meta ġew biex jiddeponu.

Mill-asjem tal-provi prodotti, din il-Qorti mhijiex konvinta sal-grad li trid il-liġi li l-imputati ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria Agius. Il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Il-verzjoni li tat Maria Agius quddiem din il-Qorti dwar kif seħħ l-incident ivarja minn dik mogħtija lill-Pulizija a tempo vergine. Quddiem din il-Qorti Maria Agius tagħti x'tifhem li l-incident seħħ f'zewġ partijiet: tistqarr li l-imputati l-ewwel sabtuha mal-vettura. Hi imbagħad telgħet id-dar u imbagħad reġgħet nizlet biex tkellem lit-tifel u waqt li kienet nofsha ġewwa l-vettura, l-imputat saq biha.

---

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Fil-verzjoni li Maria Agius tat lill-Pulizija a tempo vergine, hija tistqarr li l-ewwel kienet marret għall-affarijiet tat-tifel u imbagħad wara li marret lura biex tagħtihom lill-imputat, l-imputat u ommu Rita Agius bdew isabbtuha mal-vettura. Dan mingħajr ma tagħti l-ebda raġuni għal dan. Wara imbagħad tgħid li ippruvat tidħol fil-vettura u x'ħin kienet nofsha ġewwa l-imputat saq il-vettura. Il-Qorti kienet tistenna li l-parte civile tkun preciza fil-modalita ta' kif seħħ l-incident u mhux tagħti verzjonijiet li jvarjaw minn xulxin. Dan mhux dettal kwalunkwe: huwa dettal li jikkoncerna l-mod ta' kif seħħ l-incident bejn il-partijiet. Il-fatt li ma kienx hemm konsistenza f'dak li ingħad iqanqal dubji f'din il-Qorti dwar kemm verament hija veritiera l-verzjoni mogħtija mill-parte civile.

Apparti minn hekk il-Qorti issibha difficli kif l-parte civile tgħid li hija ġiet aggredita, kienet konxja li hija kienet tqila u fl-istess ħin tibqa' qrib il-vettura u saħansitra kif tgħid hi stess tidħol nofsha ġol-vettura tal-imputat. Għal din il-Qorti dan ma jagħmilx sens.

Il-Qorti tqis li dan l-incident sbroffa għaliex l-imputat informa lill-parte civile li kien rebaħ it-tifel u l-parte civile irvillat x'ħin saret taf b'dan, tant li għamlet tentattivi biex hija taqbad mal-Avukat tal-fiducja tagħha. Jidher li għal din id-decizjoni tal-Qorti, l-parte civile irrabbjat mhux ftit għax probabilment ma kinitx tistennieha u kien għalhekk li hija għamlet dik ir-reazzjoni meta l-imputat mar biex

jieħu lil ibnu u ippruvat izzommu milli jitlaq. Normalment ma kien jinqala' l-ebda incident meta jkun hemm ic-change over tal-access. Dan kif anke indika x-xhud Jean Pierre Debono in kontro-ezami.[2] Infatti dan l-incident partikolari seħħ fil-ħdax (11) ta' Lulju u cioe jumejn biss wara li fid-disgħa (9) ta' Lulju kien ingħata digriet fejn it-tifel kellu jirrisjedi ma' missieru.[3]

(b) Ix-xhieda ta' Jean Pierre Frendo ma tagħti l-ebda sostenn lit-tezi tal-parte civile. Għalkemm fir-rapport li huwa għamel lill-Pulizija jgħid li ra lill-imputati jimbuttaw f'Maria Agius, meta jagħti d-deposizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti jgħid li raha "imsabbta mal-karozza".[4] Meta mistoqsi biex jispjega fid-dettal x'ried ifisser b'dan id-diskors huwa jwieġeb li ma jafx. In kontro-ezami ma jagħmilx riferenza għal fatt li raha imsabbta mal-karozza izda jgħid biss li dak li ra "it was just a glimpse".[5] Huwa stramb wkoll kif Frendo ma ħassx li kellu jintervjeni minkejja li fix-xhieda principali tiegħu jgħid li kien ra lil Maria Agius imsabbta mal-vettura. Dan meta kien konxju li f'dak il-mument Maria Agius kienet tqila bil-wild tiegħu u seta' jippresupponi x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi fuq mara li tkun tqila u li tkun aggredita b'tali mod. Dan aktar jkompli jsostni l-konvinciment tal-Qorti li fl-ebda ħin ma kien hemm xi

[2] Fol. 75 tal-process.
[3] Ara digriet a fol. 46 tal-process.
[4] Fol. 54 tal-process.
[5] Fol.  77 tal-process.

aggressjoni da parti tal-imputati fil-konfront tal-parte civile, hekk kif isostni l-parte civile. Ix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija lanqas ma titfa' dawl fuq il-modalita tal-incident stante li dawn irraportaw biss x'ingħad lilhom.

(c) Min-naħa l-oħra l-imputati Kevin u Rita Agius dejjem kienu konsistenti fil-verzjoni li huma taw dwar kif zviluppa l-incident mertu ta' din il-kawza. Kevin Agius jistqarr li hekk kif it-tifel rikeb fil-vettura tiegħu u infurma lill-parte civile li riedet tagħtih l-affarijiet kollha tat-tifel peress li t-tifel issa kien se jibda joqgħod miegħu fuq ordni tal-Qorti, kif jgħidu l-Inglizi *all hell broke loose* min-naħa tal-parte civile. Jidher li Maria Agius inħasdet u bdiet tagħmel ix-xenati mal-vettura tal-imputat, tiftaħ il-bieba, issabbat fuq il-vettura u anke tipprova tieħu lit-tifel mill-vettura. Il-parte civile ippruvat wkoll tagħmel kuntatt mal-Avukat tagħha biex tottjeni informazzjoni dwar dak li kien qalilha l-imputat. L-imputat Agius jispjega wkoll kif l-eks mara tiegħu daħlet wkoll idejha biex huwa ma jagħlaqx il-bieb tal-vettura tiegħu u ippruvat izzommu milli jitlaq bit-tifel. Din il-verzjoni ġiet korraborata wkoll minn Rita Agius li fil-verzjoni li tat a tempo vergine lill-Pulizija tgħid li Maria Agius marret għal *"mal-bieba qisha xadina tidendel."*[6] L-imputata tikkonferma wkoll kif l-istess Maria Agius ma riditx tħallihom jitilqu u ippruvat izommhom milli jitilqu.

[6] Fol. 66 tal-process.

(d) Għalkemm huwa minnu li ġew riskontrati xi feriti fuq id l-parte civile, din il-Qorti mhix konvinta li dawn ġew kaġunati minn xi daqqiet mogħtija lilha mill-imputati. Hu aktar il-kaz li dawn ġew kaġunati mid-daqqiet li l-istess parte civile jidher li bdiet tagħti fuq il-vettura tal-imputat Kevin Agius u mill-manuvri li hija għamlet biex tipprova ma tħallix il-vettura tal-imputat jitlaq. Fix-xhieda tagħhom iz-zewġ imputati jindikaw li l-parte civile tat b'certu saħħa fuq il-vettura tagħhom. Infatti t-tabiba Dr Nicola Mallia tinnota biss *"tenderness of the right wrist, no swelling or deformity at either wrist and multiple bruises at the proximal aspect of both arms."*

(e) Importanti wkoll li jiġi innutat li fiz-zaqq tal-parte civile ma ġew riskontrati l-ebda daqqiet jew inkella grif. Tant hu hekk li fiċ-ċertifikat rilaxxat minn Dr Victor Cassar huwa jikkummenta li: *"**on examination no bruises to abdomen or lacerations**."* Li kieku l-parte civile verament issabbtet mal-vettura mill-imputati hekk kif allegat mill-parte civile zgur li tal-anqas kien jirrizulta xi forma ta' tbenġil fuq zaqq l-parte civile. Dan pero ma rrizultax.

Huwa għalhekk li din il-Qorti mhix konvinta li l-imputati aggredew lill-parte civile u ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tagħha. Possibilment l-imputati setgħu jinstabu ħatja ta' ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika. Pero huma ma ġewx akkuzati b'din il-kontravvenzjoni u

allura din il-Qorti hija prekluza milli tippronunzja ruħha fuq tali kontravvenzjoni.

**DECIDE:**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-imputati Kevin Agius u Rita Agius ħatja** tal-akkuza li ġiet dedotta fil-konfront tagħhom it-tnejn u qiegħda għalhekk tilliberahom minn kull imputazzjoni u ħtija.

Fl-aħħar nett il-Qorti tistieden lill-parte civile u lill-imputat Kevin Agius biex l-kwistjoni dwar is-separazzjoni ta' bejniethom u l-affarijiet relatati dwar il-minuri jindirizzawhom tramite il-legali tagħhom għax zgur li mhux fl-interess tal-minuri li joqgħod jara xenati mill-ġenituri tiegħu.

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**